MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Talba Numru. 813/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Dereco Cold Stores**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin Euro u sitta u hamsin centezmu (€328.56) – mija u wiehed u erbghin liri Maltin u hames centezmi (Lm141.05c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Comminications Limited skond Client Contract Number 194210 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xahar ta' bejn Frar 2006 u Lulju 2006.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin Euro u sitta u hamsin centezmu (€328.56) – mija u wiehed u erbghin liri Maltin u hames centezmu (Lm141.05) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------